Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 29/2010/1

Fl-Atti tar-Riferenza tal-14 ta’ April, 2010,
mill-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-Atti fl-ismijiet:

**Il-Pulizija (Assistant Kummissarju Lawrence Cauchi)**

**v.**

**Carmel sive Charles Ellul Sullivan,**
**Patrick Pellegrini u Sebastian Dalli**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ta' Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Sebastian Dalli minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Marzu 2011 li laqghet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati u ghazlet li tezercita d-diskrezzjoni taghha u ma tkompliex tisma' l-kawza billi r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju.

2. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' April 2010 kienet ghamlet referenza kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) biex din tiddeciedi jekk kienux gew miksura d-drittjiet fundamentali tal-imputati (l-appellanti) *ai termini* tal- Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. L-intimati kienu wiegbu li t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

4. L-Ewwel Qorti (Prim' Awla Sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati fejn qalu illi r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji disponibbli lilhom skont il-ligijiet ordinarji u ghalhekk ukoll il-procedura odjerna kienet intempestiva[1]. L-Ewwel Qorti laqghet dawn l-eccezzjonijiet u ddecidiet li d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati ghad jista' jigi appellat meta tigi finalment deciza l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk ir-rimedji li jistghu jkollhom l-imputati ghadhom ma gewx ezawriti u ezercitat id-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u waqfet milli tisma' l-kawza, u ordnat li l-kawza tigi rimessa lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal kontinwazzjoni.

5. Minn din is-sentenza appellaw Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Sebastian Dalli.

**<u>Rikors tal-Appell ta' Carmel sive Charles Ellul Sullivan</u>**

[1] A fol 6.

6. L-appellant Carmel sive Charles Ellul Sullivan hass ruhu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b'rikors prezentat fis- 6 ta' April 2011 fejn qal li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fattispecje tal-kaz odjern u tal-principji regolaturi tad-dritt.

7. Fil-qosor, l-aggravji tieghu huma s-segwenti:

I. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-intimati jghid li hija diskrezzjonali ghall-Ewwel Qorti li tiddeciedi jekk tezercitax il-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha jew le. Fil-kaz odjern, anke jekk hemm il-possibilita` ta' appell wara l-konkluzzjoni tal-proceduri quddiem l-ewwel istanza fis-sede kriminali, dan ma jfissirx li hemm xi rimedju attwali.
II. Dwar it-tieni eccezzjoni tal-intimati l-aggravju tal-appellanti huwa l-istess bhal dak dwar l-ewwel eccezzjoni billi l-argument ta' intempestivita` johrog direttament mill-argument precedenti cioe` dak dwar ir-rimedju ordinarju.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**<u>Rikors tal-Appell ta' Sebastian Dalli.</u>**

8. L-appellant Sebastian Dalli hass ruhu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b'rikors prezentat fit-6 ta' April 2011.

9. Fis-sustanza l-aggravji tieghu huma simili ghal dawk tal-appellant Charles Ellul Sullivan u ghalhekk din il-Qorti m'hijiex ser tirripetihom.

10. Ghalhekk l-appellant talab ukoll ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**<u>Risposta tal-appellati ghaz-zewg appelli intavolati.</u>**

11. L-intimati appellati pprezentaw ir-risposti taghhom fid-19 ta' April 2011 li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.</u>**

12. L-appellant Sebastian Dalli kien ipprezenta rikors fit-12 ta' April 2011 fejn talab li din il-Qorti tawtorizzah jissottometti aggravju iehor[2] b'riferenza ghal sentenza li nghatat wara li kien intavolat l-appell prezenti tieghu. Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2012 l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali opponew ruhhom ghar-rikors ipprezentat.[3] Fic-cirkostanzi l-appellant irtira r-rikors izda fl-istess hin irrileva (u dan ghamlu anke l-appellant Ellul Sullivan) li kien bi hsiebu jaghmel accenn ghas-sentenza citata minnu fir-rikors imsemmi waqt it-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti.

13. Effettivament fit-trattazzjoni d-difensuri tal-appellanti t-tnejn irreferew ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Frank Cachia[4] et** fejn f'dak il-kaz il-Qorti ddecidiet li billi l-vertenza kienet saret permezz ta' referenza minn Qorti ohra, ma tapplikax id-diskrezzjoni li l-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) tiddiklina fit-termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jew fit-termini tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319.

14. L-intimati rrimettew ruhom ghas-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub li kienu ghamlu fir-risposti ghaz-zewg appelli.

---

[2] Fil-fatt l-appellanti kienu diga ressqu dak sottomess minnhom qabel. L-appellant Ellul Sullivan isemmih bhala aggravju fl-appell tieghu fejn ighid a fol 6 tal-appell li: " Li kieku l-Qorti tista' semplicement taqbad u tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha minhabba li jkun hemm lok ta' appell fi stadju ulterjuri **dan ikun ixejjen l-iskop tal-procedura tar-referenza."** L-istess kien issottometta Sebastian Dalli fin-nota' ta' sottomissjonijiet tieghu quddiem l-Ewwel Qorti a fol 15 fejn irrefera ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Seychell**..

[3] L-appellati jghidu li huma appellaw mis-sentenza ta' Frank Cachia, izda jidher li l-appell taghhom huwa biss fuq il-mertu f'dik il-kawza u mhux fuq il-punt sollevat mill-appellanti.

[4] Il-Pulizija vs Frank Cachia et deciza mill-P.A.(Kost) 16 ta' Frar 2011.

15. Testwalment il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija v. Frank Cachia** kienet iddecidiet hekk:
"Illi l-Qorti thoss li ghandha ticcara wkoll li, ladarba l-kaz tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti ohra, ma tistax taghzel li ma tezercitax is-setgha kostituzzjonali taghha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan jinghad ghaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddecidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax ghaliha d-diskrezzjoni li hija miftuha ghal din l-istess Qorti taht l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawza tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata"[5].

16. Hu risaput li meta ssir referenza lil Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) il-kompitu ta' dik il-Qorti huwa li twiegeb ghall-mistoqsijiet li jsirulha fir-referenza u proprjament ghal xejn aktar. Il-Prim'Awla ghandha tibqa' fit-termini u l-parametri tar-referenza maghmula lilha.

17. Li gara f'dan il-kaz kien li l-Qorti tal-Magistrati kienet cahdet talba tal-imputati biex il-provi gia` mressqa quddiem Magistrat iehor jergghu jinstemghu mill-gdid minhabba bidla fil-gudikant presedenti, *stante* l-elevazzjoni ghall-Gudikatura ta' dak il-Magistrat[6].

18. L-imputati kienu anke appellaw mid-digriet imsemmi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u dik il-Qorti, permezz ta' sentenza moghtija fl-10 ta' Marzu 2010, iddecidiet illi l-appell interpost minnhom kien irritu u null ghaliex skont l-Artikolu 415 (1) tal-Kodici Kriminali, *'dan id-digriet huwa inappellabbli f'dan l-istadju tal-proceduri.'*

19. Ir-rikorrenti imbaghad talbu li ssir referenza lill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Magistrati accettat li taghmel ir-referenza fuq imsemmija.

---

[5] Il-Pulizija vs Frank Cachia et deciza mill-P.A.(Kost) 16 ta' Frar 2011. Ara wkoll sentenza ohra Il-Pulizija vs Anthony Seychell deciza mill-P.A. (Sede Kostituzzjonali) fil-5 ta' Mejju 2005.

[6] Għandu jingħad li minn dakinhar li l-kawża giet riferuta quddiem l-Ewwel il-Qorti anke l-Magistrat li ta d-digriet gie bl-istess mod elevat

20. Fil-kaz in ezami fir-referenza li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati hi staqsiet jekk kienux gew miksura d-drittjiet fundamentali tal-imputati (l-appellanti) *ai termini* tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta" u dan abbazi tal-fatt li hi ma laqghetx it-talba tal-imputati biex il-provi gia` mressqa jergghu jinstemghu billi l-Magistrat li kien sema' dawk il-provi ma baqax jisma' l-kaz stante li lahaq Imhallef.

21. Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dawk ic-cirkostanzi il-Prim' Awla kienet marbuta li twiegeb id-domanda li saritilha. Meta l-Ewwel Qorti ddecidiet li tezercita s-setgha taghha li tieqaf milli tisma' l-kawza, hija fil-fatt ghazlet minflok li ma twiegibx meta fil-fatt hija kienet marbuta b'dik ir-referenza.

22. Il-Qorti tal-Magistrati kienet konsapevoli li l-imputati kienu diga` appellaw mid-digriet taghha u uzaw ir-rimedju ordinarju ta' appell. Kienet taf ukoll li l-imputati setghu jergghu jappellaw fl-ahhar tal-kumpilazzjoni mill-gdid fuq l-istess punt, izda nonostante dana hija xorta wahda hasset (ghalkemm fuq talba tal-imputati) li kellha tibghat din il-kwistjoni (billi ma qisithiex bhala frivola u vessatorja jew abbuziva) biex tigi ezaminata minn lenti kostituzzjonali u konvenzjonali u staqsiet lill-Prim' Awla jekk kinux inkisru d-drittijiet fundamentali tal-imputati b'dak id-digriet.

23. Dan ma kienx kaz fejn l-imputati ghazlu li jaghmlu kawza kostituzzjonali huma stess wara li gie michud l-appell kriminali li intavolaw izda huwa kaz fejn Qorti ta' gudikatura kriminali stess hasset li l-bzonn li taghmel ir-referenza lill-Prim' Awla b'domanda specifika li htegilha twegiba.

24. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellanti li meta l-kaz jitressaq permezz ta' referenza l-Qorti adita ma tistax taghzel li ma tezercitax is-setgha taghha li tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali kif mitlub fir-referenza.

25. L-appell ghalhekk qed jigi milqugh.

26. **<u>Decide</u>**

27. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u f'dan is-sens li l-materja referita ghandha tibqa' impregudikata u ghalhekk tordna li l-atti jintbghatu lura lill-Ewwel Qorti biex tinghatha t-twegiba ghar-referenza li saritilha.

28. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------